**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Appell Nru. 60/2002

Il-Pulizija
(Spettur A. Zammit)

Vs

Jonathan Coleiro

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) F'30 t'April, 1999 ghall-habta tal-4.30 p.m. f'Rahal il-Gdid u bnadijiet ohra f'dawn il-Gzejjer saq vettura bil-mutur (ghamla Ford Fiesta) b'numru KAH-723
a) minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' jew garanzija dwar ir-riskji ta' terzi persuni;
b) minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija biex tintuzha fit-triq
c) meta ma kienx l-licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex isuq vettura bil-mutur, b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' jew garanzija tar-riskji gha'terzi persuni skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 104.

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

3) Barra minn hekk, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti habat ma karozza numru AEG-659 u kkaguna hsara ghad-dannu ta' Pio Galea mir-Rabat;

4) U izjed ikkaguna hsara fil-karozza KAH-732 li kien qed isuq ghad-detriment ta' Spiridione D'Amato mill-Marsa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Marzu, 2002, li biha wara li rat l-artikolu 8(2) tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li il-probationer Jonathan Coleiro ma osservax l-ordnijiet moghtija lilu mis-senior probation officer Miriam Sevasta u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija komplessivament ghar-reati li l-Qorti gia sabitu hati taghhom meta nghata l-ordni tal-probation.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta' Marzu, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell limitatament ghall-piena inflitta u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha u tirrevokha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena gusta ghall-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti :- li l-Qorti tal-Magistrati naqset li tara l-progress tal-esponent f'dan l-ahhar periodu ghax l-ahhar xhud li xehed kien fil-11 ta' Jannar 2001, u precizament sena u xaharejn qabel ma inghatat is-sentenza appellata ; li minn sitt xhur ' l hemm kemm ilu li skonta sentenza ta' piena karcerarja (fuq reat iehor) ma kellux x'jaqsam mall-Pulizija ; li l-piena karcerarja f' dan l-istadju tkun ta' detriment kbir proprju ghaliex tigi f'mument fejn jidher li l-appellant

qed jirrjejalizza l-konsegwenzi ta' eghmilu u qed ibiddel it-rotta ta' hajtu; u ghalhekk il-piena moghtija mill-ewwel Qorti ma kienetx wahda gusta f'dawn ic-cirkostanzi ;

Semghet lis-Senior Probation Officer, Miriam Sevasta u qieset ir-rapport taghha minnha prezentat fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2002;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan hu appell limitat ghall-piena inflitta fuq l-appellant mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali , wara denunzja li saret kontra l-appellant li hu ma kienx qed joqghod ghall-probation order impost fuqu b'sentenza Taghha tat-3 ta' Mejju, 1999, meta l-imputat appellant kellu erbatax il-sena.

Illi din il-Qorti kemm il-darba irriteniet li normalment ma tindahalx fi u ma tiddisturbax d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-piena kemm il-darba din tkun entro il-parametri tal-ligi u ma tkunx manifestament sproporzjonata .

Illi fil-kaz in ezami ma hux kontestat illi fil-fatt l-appellant kien kiser l-ordni tal-probation fuq imsemmi b'nuqqas ta' ko-operazzjoni mall-probation officer tieghu u rifjut li jobdi d-direttivi u l-ordnijiet taghha. L-appellant kien wera rikalcitranza kbira kemm qabel ma saret id-denunzja kif ukoll fil-mori tat-trattazzjoni tad-denunzja li saret kontra tieghu mill-probation officer u din il-Qorti tifhem u tapprezza il-frustrazzjoni li kellha tghaddi minnha l-ewwel Qortri , meta minkejja li tat hafna zmien biex forsi l-appellant jibdel l-atteggjament tieghu fil-mori tat-trattazzjoni tad-denunzja, ma ratx li l-appellant ried jikko-opera u jirrispondi ghal dak li kien qed jigi ordnat ghall-gid tieghu .

Pero' fil-waqt li tifhem dan kollu , din il-Qorti ghandha diffikultajiet serji biex tkun tista' tikkonferma il-piena li giet inflitta fuq l-appellant minhabba dan il-ksur tal-probation order .

Illi l-art. 8 (2) citat fis-sentenza appellata jipprovdi li :-

> "jekk jigi pruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li tidher jew tingieb quddiemha skond dan l-Artikolu persuna taht probation illi l-persuna taht probation tkun naqset li thares xi wahda mill-htigijiet tal-ordni tal-probation , dik il-Qorti tista' , minghajr hsara ghall-kontinwazzjoni tal-ordni tal-probation, tikkundannha ammenda ta' mhux izjed minn hamsin lira jew tista' tittratta mall-persuna taht probation , ghar-reat li dwaru l-ordni tal-probation ikun gie maghmul b'kull mod li dik il-Qorti kienet tista' tittratta ma dik il-persuna kieku kienet ghadha kif giet misjuba hatja ta' dak ir-reat minn dik il-Qorti jew quddiemha ."

Issa fil-kaz in ezami , l-ewwel Qorti , fis-sentenza taghha tat-3 ta' Mejju, 1999, fejn kienet poggiet lill-appellant taht probation , ma kienetx illimitat ruha ghall-ordni tal-probation ,imma, wara li qieset li l-appellant kellu biss 14 il-sena, kienet ukoll ghaddiet biex ikkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' erbghin lira u inoltre ordnat l-iskwalifika tieghu mill-licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' sena minn meta l-istess appellant kellu jaghalaq it-tmintax il-sena. Igifieri f' dan il-kaz , l-ewwel Qorti kienet gja ittrattat mall-hati billi ikkundannatu ghall-multa (sija pure taht il-minimu preskritt mill-ligi x'aktarx minhabba li l-appellant kien qed jibbenefika mir-riduzzjoni fil-piena kontemplata fl-art.37 tal-Kap.9 ghax kien ghadu minorenni ) u ssospendietu mill-licenzji tieghu tas-sewqan .

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti , l-ewwel Qorti , rinfaccata bil-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ordni tal-probation da parti tal-appellant , ma setghetx terga taghti kundanna ohra ghall-istess reati oltre dik li kienet gja tat fl-ewwel sentenza taghha u l-unika triq li kienet baqghet miftuha ghaliha , kienet dik li timponi kundanna ta' hlas ta' ammenda ta' mhux izjed minn hamsin lira , bhala kastig ghall-ksur tal-ordni tal-probation "ut sic" , imma mhux terga izzid fuq il-kundanna li kienet gja tat bl-ewwel sentenza.

Illi in oltre , anki kieku ma kienx hekk, il-piena ta' sitt xhur prigunerija inflitta mill-ewwel Qorti kienet tohrog mill-parametri tal-ligi f'kull kaz ghax ir-reati li taghhom l-appellant kien instab hati bl-ewwel sentenza kienu igibu is-segwenti piena massima karcerarja :-

I. sewqan bla licenzja tas-sewqan jew ta' vettura bla licenzja - TLITT XHUR PRIGUNERIJA skond l-art .15 (1) (a) tal-Kap.65; jew multa .

2. sewqan bla ma kien kopert b'polza tas-sikurta' jew garanzija
tar-riskji ta' terzi persuni - TLITT XHUR PRIGUNERIJA skond l-art. 3 (2) tal-Kap.104 ghall-ewwel reat jew multa jew multa u habs flimkien ;

3. sewqan b'manjiera negligenti - TLITT XHUR PRIGUNERIJA skond l-art.15(1)(a) tal-Kap.65 , jew multa (imma dan ir-reat suppost li kien assorbit fir-reat ta' danni involontarji ghax serva bhala mezz biex isir dan l-ahhar reat (art.17(h) Kap.9) u ghalhekk kellha tinghata biss il-piena ghar-reat l-aktar gravi ).

4. danni INVOLONTARJI fil-karozz - TLITT XHUR PRIGUNERIJA skond l-art. 328 (d) tal-Kap.9. (u mhux l-art . 325, kif erronjament tnizzel fl-ewwel sentenza) jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet .

Issa bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kap.9 , persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta' personali, tigi kundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz sa nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien . F'dan il-kaz , jekk wiehed kellu jahdem fuq il-piena massima preskritta mill-ligi fil-kazijiet kollha , jigi li l-piena karcerarja massima tkun ta' tlitt xhur prigunerija ghall-reat minnhom mizjuda bin-nofs tal-pieni l-ohra mizjuda flimkien (3 Xhur + 3 Xhur X 1 / 2) = 3 xhur ohra u b'kollox sitt xhur , u dana dejjem fuq il-massimu possibbli , ghax ir-reati li taghhom kien instab hati l-appellant kienu kollha punibbli bil-multa biss ukoll .

Imma umbaghad peress li l-appellant , kemm meta ikkometta r-reati dedotti kontra tieghu kif ukoll meta gie sentenzjat mill-ewwel Qorti kellu il-fuq minn erbatax il-sena izda mhux aktar minn tmintax il-sena, kellu d-dritt li jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena ghat-tenur tal-art. 37 tal-Kodici Kriminali u l-piena applikabbli kellha titnaqqas bi grad jew tnejn . Dan igib li l-piena massima kellha titnizzel zgur bi grad minn dik ta' sitt xhur ghal wahda ta' tlitt xhur skond l-art. 31 (xiii) u (xiv) tal-Kap.9 u fakoltattivament b' zewg gradi ghal prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn ghoxrin gurnata jew ghad-detenzjoni jew ghall-ammenda skond l-art. 31 (c) tal-Kap.9.

Ghalhekk anki taht dan l-aspett jidher li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet tohrog barra mill-parametri tal-ligi u ghalhekk ma tistax treggi .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma is-sentenza appellata , tal-11 ta' Marzu, 2002 , billi tikkonfermha in kwantu iddikjarat li l-appellant bhala probationer ma kienx osserva l-ordnijiet moghtija lilu mis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta u tirrevokha in kwantu ikkundannat lill-appellant ghal sitt xhur prigunerija komplessivament ghar-reati li l-Qorti gja sabitu hati taghhom meta inghata l-ordni tal-probation , u minnflok , wara li rat l-art. 8 (2) tal-Kap.152 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellant ghall-ammenda ta' hamsin lira (LM50) pagabbli minnufieh jew altrimenti konvertibbli f'ghaxart ijiem detenzjoni skond l-art. 13 u 14 tal-Kodici Kriminali , u dana in via ta' sanzjoni ghall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ordni ta' probation imposti fuq l-appellant bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju, 1999.

(ft) Joseph G. Galea Debono.
18-09-02

Paul Miruzzi
Assistent Registratur